**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Marzu, 2016

Rikors Nru : 515/15 AL

**AB**

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Settembru 2002 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda li jisimha S li twieldet fit-24/4/2005 u kwindi ghadha minorenni;

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono tat-12 ta' Settembru 2006 kif sussegwentement emendat b'kuntratt ta' modifika datat 13/4/2007 u 17/1/2012 (Vide Dok SM 1, 2 u 3 annessi);

Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi mhux biss ilhom snin twal mifrudin, izda sahansitra llum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm ebda manteniment dovut lill-intimata stante li ai termini tal-artikolu 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni sudett huma t-tnejn iddekadew mill-manteniment reciproku filwaqt li kwantu ghat-tifla minuri m'hemmx kwistjoni ta' manteniment stante li bl-emenda tas-17 ta' Jannar 2012, il-mara irrinunzjat ghall-patria potestas fuq l-imsemmija minuri u ghall-access u r-responsabbilita tal-manteniment tal-istess minuri giet assunta esklussivament mir-ragel;

Illi ai termini tal-artikolu 66(L)4(b) tal-Kap. 16 li jirrendi l-artikolu 62 tal-Kap. 16 applikabbli ghal kaz de quo, l-esponenti jixtieq li l-intimata tigi inibita milli tibqa tuza kunjomu wara d-divorzju stante li dan huwa ta' pregudizzju ghar-rikorrent;

Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha mahsuba fl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti;

Talab ghar-ragunijiet fuq imsemmija li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju/hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat skont il-ligi;
(3) Tinibixxi lill-intimata milli tibqa tuza kunjom ir-rikorrenti wara d-divorzju ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap. 16;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Dicembru, 2015;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta’ Settembru 2006, liema kuntratt gie sussegwentement emendat b’kuntratt ta’ modifika datat 13 ta’ April 2007u iehor datat 17 ta’ Jannar 2012;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ir-rikorrenti talab ukoll illi l-intimata ma tibqax tuza kunjomu u l-intimata ma oggezzjonatx ghal din it-talba u ghalhekk il-Qorti tordna illi l-intimata tibda igorr kunjom xbubitha u cioe’ Camilleri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.